MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2004

Numru. 11/2004

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

\- vs -

FRANCIS AXIAQ

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Francis Axiaq ta' 31 sena bin Augustine u Mikelina nee` Cauchi imwieled Rabat, Ghawdex fl-24 ta' Dicembru 1969 u li joqghod Nru 6, Triq it-Torri, San Lawrenz, Ghawdex (Detentur tal-Karta ta' l-Identita` Numru 1270 G) gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-28 ta' Lulju 2003 ghall-habta tas-2:00 p.m. fid-Dwejra, Ghawdex ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe` ghamel hsara fil-karozza ta' l-ghamla Nissan Micra li ggib in-Numru tar-Registrazzjoni

EAK 858 a detriment ta’ John Refalo mis-Sannat, Ghawdex, liema ammont ta’ hsara hu ta’ izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500) u dan ai terminu ta’ l-artikolu 325 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali mmarkat bhala Dokument ‘CSH', liema kunsens huwa datat hdax (11) ta’ Frar, 2004 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u dan wara li nghata zmien xieraq sabiex iwiegeb kif jirrizulta mill-ezami li sarlu ai termini tal-artikolu 370 (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar it-13 ta’ Mejju 2004;

Semghet ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni b’mod partikolari lil John Refalo jixhed fit-13 ta’ Mejju 2004 u jghid illi huwa qed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta’ l-imputat u dana peress li huwa kien thallas a saldu tal-pretensjonijiet tieghu kollha mill-imputat odjern;

Semghet lill-espert nominat minnha Charles Attard jixhed fis-seduta ta’ l-1 ta’ Lulju 2004 u jghid illi l-hsarat in kwistjoni ma jaccedux il-hamsin lira Maltin (Lm50) u fil-fatt skond dokument esebit f’dawn l-atti u mmarkat bhala Dokument ‘CS’ l-ammont tal-parts jammonta ghal wiehed u ghoxrin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm21.38c) inkluz il-VAT u skond id-dokument esebit minn John Refalo fis-seduta precedenti l-labour in kwistjoni ghat-twissija in kwistjoni jammonta ghal hmistax-il lira Maltin (Lm15), b’hekk l-ammont globali ma jaccedix il- hamsin lira Maltin (Lm50);

Il-Qorti li rat l-artikolu tal-Ligi, partikolarment l-artikolu 325 u cioe` proviso hemm anness illi l-ebda procedura ma tista’ tittiehed fil-konfront ta’ persuna jekk m’ghandhiex il-kwerela tal-parte offiza f’kaz illi l-ammont ta’ hsara ma taccedix il-hamsin lira Maltin (Lm50);

Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti moghtija r-rinunzja mill-parte offiza u cioe` John Refalo u essendo illi l-hsarat in kwistjoni ma jaccedux il-hamsin lira Maltin (Lm50) tiddikjara l-procediment ezawrit u tastjeni milli tieghu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-process.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------